**30 ta' Mejju, 1994**

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Vella

**Prostituzzjoni - Artikolu 7 (2) tal-Kap. 63**

*Biex tirnexxi prosekuzzjoni taħt l-artikolu 7 (2) tal-Kap. 63 jrid jiġi ppruvat li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku, tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali oħra.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Vella talli fil-24 ta' Jannar, 1994 għall-ħabta tat-8.30pm, ġewwa Triq Testaferrata, Msida, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku, tlajja jew għamel biex iħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali bi ksur ta' l-artikolu 7 (2) tal-Kap. 63;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta' Frar li biha dik il-Qorti, wara li semgħet il-provi, sabet lill-imsemmi Joseph Vella ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu ħmistax-il (15) ġurnata priġunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Vella minnu ppresentat fit-8 ta' Marzu, 1994 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza aktar 'l fuq imsemmija;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant *in sintesi* jikkonsisti filli huwa jikkontendi li ma nġabu ebda provi li setgħu jwasslu għall-ħtija tiegħu skond il-liġi. Wara li semgħet ix-xiehda ta' P.S. 547 Martin Agius u ta' P.C. 1416 Pawlu Attard (l-appellant għażel li

ma jixhedx għalkemm kien xehed quddiem il-Qorti inferjuri) din il-Qorti tara li dana l-aggravju hu fondat. Biex tirnexxi prosekuzzjoni taħt l-artikolu 7 (2) tal-Kap. 63 irid jiġi ppruvat, fil-grad rikjest mil-liġi għal proċedimenti penali, li l-persuna akkużata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku, tlajjat ("*loitered*") jew għamlet biex tħajjar ("*solicited*") għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali oħra. Tali prova tista' ssir permezz, u tista' tirriżulta minn, diversi ċirkustanzi, meħuda waħedhom jew flimkien, bħal, per eżempju, diskors li jintqal, pożi li jittieħdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil min tavviċina, u ħafna ċirkustanzi oħra. Fil-kaz **Behrendt v Burridge** (1977) 1 W.L.R. 29, prostituta ġiet ritenuta li kienet qed tagħmel biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni billi sempliċement qagħdet liebsa skullata fuq banketta għolja wara l-ħġieġ ta' tieqa li kienet tagħti għat-triq, illuminata b'dawl aħmar. Dan il-każ qed jiġi ċċitat proprju għax kien jikkonċerna d-disposizzjoni ta' l-iStreet *Offences Act, 1959* li fuqha ġie mmodellat is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 63. Fil-kaz preżenti, però, kulma jirriżulta hu li l-appellant kien qed jippasseġġja f'*side street* li tagħti għal Triq Testaferrata, Msida għal xit-8.30pm.; lemħuh il-pulizija li nzertaw kienu għaddejjin f'karozza mmarkata; sakemm dawn daru ma' blokk bini u reġgħu ġew fejn kien l-appellant dan kien qed ikellem persuna oħra (raġel). Xejn aktar. Fuq il-bażi ta' dan biss l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużżjuoni ta' ħtija li waslet għaliha.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenża appellata u tillibera lil Joseph Vella minn kull imputazzjoni u piena.